

**KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT****Marta KOS****Tkabbir tal-UE****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

*Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b' mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?*

*Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kull attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?*

L-esperjenza tiegħi dwar ix-xogħol u l-ħajja personali, il-motivazzjoni intrinsika tiegħi u l-impenn profond u sinċier tiegħi Ewropew, huma l-bażi tal-kwalifika tiegħi bħala Kummissarju futur għat-Tkabbir.

Għandi rekord ippruvat ta' 35 sena ta' esperjenza ta' tmexxija b'suċċess f' diversi impenji politiċi, tas-soċjetà ċivili u tas-settur privat. Irċevejt bosta premjijiet u unuri għall-ħidma tiegħi bħala ambaxxatur (Ambaxxatur tas-Sena 2016 fil-Ġermanja u Gran Kruċ tal-Ordni tal-Mertu tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja), għal taħriġ u komunikazzjoni ta' tmexxija b'suċċess.

L-involviment professjonali tiegħi minn dejjem kien relatat mill-qrib mal-valuri Ewropej, il-libertà u d-demokrazija, il-ġustizzja, l-inklużività u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-impenn personali tiegħi għandu l-għeruq tiegħu fil-valuri li kont ixxurtjata li nirċievi matul it-fulija. Ir-rispett u l-konsiderazzjoni reċiproċi, l-impenn lejn l-oħrajn u r-responsabbiltà personali kienu fil-qalba tal-valuri tal-familja tagħna u tal-involviment tagħna fil-komunità lokali tagħna.

Matul il-mandat tiegħi bħala Direttur tal-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni tal-Gvern u Kelliem tal-Gvern nedejna kampanja wiesgħa b'appoġġ għall-integrazzjoni tas-Slovenja fl-UE "Dar fl-Ewropa". B'dan is-slogan, esprimejna li dejjem ħassejna rwieghna bħala Ewropej, u li bl-adeżjoni formali mal-UE, l-Ewropa se ssir dak li xtaqna: id-dar Ewropea tagħna.

L-interess u l-impenn qawwi tiegħi għall-integrazzjoni Ewropea komplew meta kont Viċi President tal-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija tas-Slovenja, u appoġġajt l-adeżjoni tal-pajjiż billi għent lill-kumpaniji jippreparaw għas-suq intern tal-UE.

Jien urejt ukoll il-ħiliet tiegħi fil-promozzjoni b'suċċess tal-valuri u l-ideat Ewropej matul il-mandat tiegħi ta' seba' snin bħala ambaxxatur fil-Ġermanja u fl-Iżvizzera. Matul is-snin tiegħi f'Berlin, kont involuta ħafna fil-Proċess ta' Berlin, bħala pjattaforma biex tiżdied il-kooperazzjoni bejn is-Sitt Balkani tal-Punent.

Minħabba li esperjenzajt personalment il-benefiċċji li nsir ċittadina Ewropea, nifhem tajjeb l-aspirazzjoni taċ-ċittadini minn pajjiżi b'perspettiva tal-UE li jingħaqdu mal-familja Ewropea kif ukoll il-proċessi interni kumplessi li l-pajjiżi jridu jgħaddu minnhom biex jittrasformaw u jadottaw biex isiru membru sħiħ tal-UE.

Għalija, il-valuri u l-obiettivi tal-UE, kif stabbiliti fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, huma fundamentali. F'konformità mal-obiettivi tal-UE, dejjem se naħdem għall-benesseri taċ-ċittadini, se niġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, se naħdem għal żvilupp sostenibbli li qatt ma ninsa lin-nies u se nirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika, li fiha ninsab kburija ħafna li s-Sloven huwa waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE!

Ir-rekord personali u professjonali tiegħi juri l-indipendenza u l-onestà tiegħi, u l-lealtà lejn il-valuri tagħna. Bnejt il-karriera kollha tiegħi — mill-ġurnaliżmu indipendenti fil-midja ġenerali nazzjonali u internazzjonali sad-diplomazija u s-settur privat — fuq l-integrità, il-lealtà u l-indipendenza tiegħi stess. Se nibqa' leali għal dan l-impenn jekk ningħata l-opportunità li nieħu r-responsabbiltà bħala Kummissarju u se npoġġi l-kompetenzi u l-impenn tiegħi għas-servizz tal-Unjoni Ewropea u taċ-ċittadini kollha tagħha.

Jekk niġi kkonfermata, bħala Kummissarju għat-Tkabbir nara li r-responsabbiltà personali tiegħi tkun li naħtaf il-momentum imġedded madwar it-tkabbir, kif muri fil-linji gwida politiċi tal-President eletta von der Leyen u fl-Aġenda Strateġika 2024–2029 maqbula mill-Kunsill Ewropew fis-27 ta' Ġunju. Naderixxi bis-sħiħ mal-prinċipju li t-tkabbir huwa proċess ibbażat fuq il-mertu, iddeterminat mill-ħeffa tal-progress miksub minn kull pajjiż, li jibda bir-riformi fil-prinċipji fundamentali. Ma hemm l-ebda shortcuts għas-sħubija, u se nfitex li niżgura li kull pajjiż kandidat u kandidat potenzjali jiġi ttrattat b'mod ġust u vvalutat skont l-istess kriterji, bil-progress iddeterminat mill-merti individwali ta' kull wieħed minnhom. Dan ifisser li se nqis bl-istess attenzjoni l-pajjiżi kollha tat-tkabbir li jikkondividu perspettiva tal-UE.

Se nagħti appoġġ kontinwu u sostenibbli lill-Ukrajna flimkien mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President. Se nuża l-potenzjali kollha tal-Istrument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni, tal-Faċilità għall-Ukrajna u tal-Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent b'mod strateġiku. Se ninvolvi ruħi fl-integrazzjoni reġjonali, f'relazzonijiet tajbin mal-ġirien, fir-rikonċiljazzjoni kif ukoll fl-iffaċilitar tas-soluzzjoni għat-tilwim bilaterali.

F'konformità mal-ittra ta' Missjoni tiegħi se mmexxi t-tnejn ta' strateġija ta' komunikazzjoni li għandha tindirizza liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati fil-pajjiżi kandidati u fl-UE nnifisha, li tiffoka fuq l-għoti ta' informazzjoni ċara dwar l-għanijiet u l-oġettivi tal-politika tat-tkabbir u l-proċess ta' adeżjoni.

Ninsab lesta li naħdem id f'id mal-pari tiegħi fil-Kulleġġ fit-tnejn tar-rieżamijiet tal-politika ta' qabel it-tkabbir u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali, biex nikkontribwixxi għall-aġenda ta' riforma usa' u ambizzjuża sabiex l-UE tkun ippreparata għat-tkabbir.

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejjja kontra l-Ukrajna tikkostitwixxi attakk mhux provokat, mhux ġustifikat u illegali kontra nazzjon sovran u l-integrità territorjali tiegħu u d-dritt għall-awtodeterminazzjoni. L-Ukrajna qed tiġġieled għal-libertà tagħna kuljum u nimpenja ruħi li naħdem għal-libertà tagħha wkoll, inkluż billi ninvolvi ruħi fl-adeżjoni tagħha mal-UE.

L-ittra ta' missjoni tiegħi tistedinni mmexxi l-appoġġ kontinwu u sostnut tal-Kummissjoni għall-Ukrajna — xi ħaġa li jien impenjata bis-sħiħ li nagħmel, filwaqt li nibni fuq il-livelli bla preċedent ta' appoġġ ipprovdut lill-Ukrajna sal-lum. Dan se jirrikjedi li nkomplu nġhaqqdu l-appoġġ finanzjarju għall-irkupru mar-riformi meħtieġa kemm biex ngħinu l-ekonomija tal-Ukrajna kif ukoll biex ngħinuha fit-triq tagħha lejn l-adeżjoni.

Se nkomplu nappoġġaw lill-Ukrajna permezz tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Ukrajna u r-riformi marbuta mal-Pjan għall-Ukrajna, kif ukoll naħdmu fuq ir-rikostruzzjoni tal-Ukrajna f'kooperazzjoni mas-sħab tagħna u permezz tal-Pjattaforma tad-Donaturi tal-Ukrajna.

Minħabba l-iskala u l-ambitu tal-appoġġ, f'kuntest ta' inċertezza sinifikanti, se ninsisti li jinżammu l-livelli għoljin ħafna ta' skrutinju, responsabbiltà u trasparenza dwar l-użu tal-fondi tal-UE kif ukoll komunikazzjoni effettiva maċ-ċittadini kemm fl-UE kif ukoll fl-Ukrajna dwar il-benefiċċji reċiproċi li dan l-appoġġ jagħti.

Filwaqt li nikkollabora mill-qrib mal-membri l-oħra tal-Kulleġġ, se nibda nikkunsidra l-għażliet għal appoġġ kontinwu lill-Ukrajna fil-perjodu ta' wara l-2027, bħala parti mir-riflessjonijiet ġenerali dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE li jmiss.

Fil-Lvant, il-prijorità ewlenija għandha tkun li l-Ukrajna u l-Moldova jiġu ankrati b'mod sod fil-proċess ta' sħubija mal-UE u li nippruvaw niżguraw li l-Georgia tkun tista' tibqa' fit-triq lejn l-UE.

Jekk niġi kkonfermata, bħala Kummissarju għat-Tkabbir, flimkien mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President se niżviluppa u nikkordina approċċ għall-appoġġ tal-pajjiżi kollha tal-Kawkasu tan-Nofsinhar u naħdem lejn qafas strateġiku ġenerali għid għall-Baħar l-Iswed.

Se nserraħ fuq l-esperjenza twila tiegħi fil-moviment "She Knows" fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-iżgurar tal-implimentazzjoni effiċjenti tal-politiki tal-UE f'pajjiżi bil-perspettiva tas-sħubija fl-UE. Jien

iddedikata biex nagħti s-setgħa lin-nisa fil-ħajja politika u nħeġġeġ lil dawk kollha li diġà jinsabu f'pożizzjonijiet politiċi eżekuttivi, eż. billi nisfruttaw networks informali fil-pajjiżi tat-tkabbir tal-UE.

Jien impenjata bis-sħiħ li nipromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fid-dimensjonijiet kollha tal-ħidma tiegħi f'konformità mal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020–2025 u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri III. Se niżgura li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-inklużività jiġu integrati fl-eżekuzzjoni tal-assistenza finanzjarja fi ħdan il-mandat tiegħi, u li l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri tkompli tiggwida l-interventi tagħna, mill-identifikazzjoni inizjali tal-azzjonijiet sal-implimentazzjoni tagħhom.

Se nappoġġa liż-żgħażaġħ b'kull mod possibbli, għaliex nemmen bis-sħiħ li l-ġenerazzjoni żagħżuġha mhijiex biss il-futur tagħna, iżda hija l-preżent tagħna! L-UE trid tirbaħ il-qlub u l-imħuħ tal-ġenerazzjonijiet żgħażaġħ f'pajjiżi ġirien bħalma għamlet magħna, qabel ma nghanqadna fl-2004. Għandhom ukoll id-dritt li jaraw il-futur u l-perspettivi tagħhom b'tama u fiduċja. L-investment fiż-żgħażaġħ għalhekk se jkun prijorità matul il-mandat tiegħi, f'konformità wkoll mal-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ tal-2022.

Biex jiġu indirizzati sfidi bħall-eżodu ta' mħuħ taż-żgħażaġħ, inizjattivi bħall-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent, il-Faċilità għall-Ukrajna u l-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir u l-Faċilità tal-Moldova diġà jiffukaw fuq it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet taż-żgħażaġħ. Barra minn hekk, se nkompli nappoġġa l-użu tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ.

Jekk nagħti l-opportunità, se nkompli naħdem man-network tal-Ambaxxaturi Żgħażaġħ Ewropej stabbilit fil-Viċinat tal-Lvant u fil-Balkani tal-Punent biex inqajjem kuxjenza dwar l-UE u l-benefiċċji tagħha. Kif deskritt fl-ittra ta' missjoni tiegħi, se nibda norganizza malajr ukoll l-ewwel edizzjoni tad-Djalogi Annwali dwar il-Politika taż-Żgħażaġħ, li għandhom isiru fi żmien 100 jum mill-mandat tiegħi.

## **2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew**

*Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?*

*Liema impenji speċifiċi lesta li tieħu fir-rigward tal-involviment u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizjattivi ppjanati jew il-proċeduri attwali, lesta tippovdi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?*

Jekk niġi kkonfermata, bħala Kummissarju għat-Tkabbir se nżomm djalogu mill-qrib u regolari mal-Parlament Ewropew dwar il-kwistjonijiet kollha li jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħi. Dan huwa partikolarment importanti matul dan il-perjodu ta' momentum imġedded madwar it-tkabbir u fil-kuntest ġeopolitiku usa' kkaratterizzat minn instabbiltà u inċertezza konsiderevoli. Dan huwa sforz kondiviż li jitlob kooperazzjoni mill-qrib fost l-istituzzjonijiet u l-atturi kollha biex jiġi żgurat is-suċċess tagħna.

Jien impenjata li nżomm relazzjoni b'saħħitha, trasparenti u kostruttiva mal-Parlament Ewropew, filwaqt li nirrikonoxxi bis-sħiħ li jien responsabbli lejn il-membri eletti tiegħu, li jirrappreżentaw l-ilħna ta' 450 miljun ċittadin tal-UE. Il-kooperazzjoni effettiva mal-Parlament u mal-membri tiegħu hija fundamentali biex inkun nista' nwettaq ir-rwol tiegħi bħala Kummissarju għat-Tkabbir. Dan għaliex nara lill-Parlament Ewropew bħala l-leħen tal-opinjoni pubblika fl-Unjoni, u se nisma' leħnu u nikkunsidrah fil-ħidma tiegħi. Dan jeħtieġ djalogu miftuħ u kollaborazzjoni mill-qrib mal-Parlament hekk kif navvanzaw l-aġenda tat-tkabbir tal-UE.

Nirrikonoxxi l-importanza kritika tal-Parlament Ewropew fi ħdan il-qafas istituzzjonali tal-UE u ninsab impenjata li ninteraġixxi bis-sħiħ mal-membri tiegħu fl-istadji kollha tal-proċess tat-tfassil tal-politika. Il-bilanċ istituzzjonali huwa essenzjali; l-obbligu ta' rendikont lejn il-Parlament mhuwiex biss rekwiżit proċedurali iżda pilastru ewlieni tal-leġittimità demokratika u t-trasparenza.

L-istabbiliment reċenti tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent, il-Faċilità għall-Ukrajna u l-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Moldova huwa eżempju tad-dedikazzjoni tal-Parlament biex jinkisbu riżultati matul żminijiet urġenti. Jien impenjata li nżomm dan l-approċċ kollaborattiv, filwaqt li nirrikonoxxi bis-sħiħ in-natura sensittiva għaż-żmien tar-responsabbiltajiet kondiviżi tagħna, u nimpenja ruħi li naġixxi bi trasparenza, fiduċja u sens ta' skop komuni.

Ninsab impenjata li ninforma regolarment lill-Parlament Ewropew dwar l-istat attwali tal-proċess ta' adeżjoni u li ninvolvi ruħi fi skambju miftuħ ta' fehmiet. Se nistinka biex ninkludi l-fehmiet tal-Parlament Ewropew meta nindirizza kwistjonijiet politiċi importanti peress li nemmen bis-sħiħ li dan huwa l-uniku mod kif nipprepara lill-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni.

Ninsab impenjata li nidher fis-sessjonijiet plenarji u l-laqqha tal-kumitati rilevanti biex nipprovi aġġornamenti f'waqthom dwar inizzjattivi ewlenin taħt ir-responsabbiltà tiegħi, u niżgura li l-Parlament jiġi infurmat qabel deċiżjonijiet jew negozjati ewlenin. Dan se jsir f'konformità mal-qafas legali tagħna filwaqt li jiġi rispettata il-prinċipju tal-bilanċ istituzzjonali. Jien impenjata wkoll li nirrispetta bis-sħiħ ir-rwoli speċifiċi assenjati lill-Parlament u lill-Kunsill, inkluż bħala koleġiżlaturi, speċjalment hekk kif inħejju għall-proċeduri leġiżlattivi u l-istrumenti ta' finanzjament li ġejjin.

Se niżgura l-preżenza tiegħi fil-kumitati parlamentari, bħall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (AFET), u matul id-diskussjonijiet plenarji relatati mal-portafoll tiegħi. L-impenn tiegħi se jestendi għat-trilogi u n-negozjati ewlenin, filwaqt li nżomm kuntatt dirett mal-membri tal-Parlament biex inrawwem djalogu kontinwu.

It-trasparenza se tiggwida l-azzjonijiet tiegħi bħala Kummissarju. Il-Parlament se jirċievi informazzjoni fuq l-istess livell mal-Kunsill kull fejn previst mil-leġiżlazzjoni, inkluż dwar il-Faċilitajiet tal-Ukrajna, tal-Balkani tal-Punent u tal-Moldova. Barra minn hekk, jiena lesta li nirrapporta lill-Parlament u nipprovi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti fil-kuntest tad-djalogi regolari previsti fir-Regolamenti rispettivi, kif ukoll fid-djalogu ġeopolitiku ta' livell għoli mal-PE dwar l-IPA III.

Jien impenjata wkoll li nirrispondi malajr u b'mod komprensiv għar-riżoluzzjonijiet u l-mistoqsijiet parlamentari. Filwaqt li nappoġġa r-rwol tal-Parlament Ewropew fit-tneđija u fit-tfassil tal-leġiżlazzjoni, kif affermat regolarment mill-President eletta von der Leyen, se nipprovi tweġibiet formali għar-riżoluzzjonijiet fil-perjodu stipulat ta' tliet xhur. Se naħdem mill-qrib mal-kumitati parlamentari rilevanti f'kull stadju tal-proċess, b'mod partikolari fuq riżoluzzjonijiet skont l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li niżgura segwitu komprensiv u f'waqtu.

Fl-aħħar nett, nirrikonoxxi r-rwol essenzjali li għandu l-Parlament fl-appoġġ tad-demokrazija globalment, b'mod partikolari fir-reġjuni tat-tkabbir u tal-viċinat tagħna. Jien impenjata li nikkollabora mill-qrib mal-Parlament dwar l-appoġġ għad-demokrazija, b'mod partikolari fis-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali, li huma kruċjali għall-promozzjoni tal-istandards demokratiċi u għall-iżgurar tal-istabbiltà politika fil-pajjiżi sħab. Se naħdem biex nimmassimizza l-impatt tal-UE billi niżgura segwitu koordinat u koerenti għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-missjoni.

Jekk ningħata l-opportunità li nkun il-Kummissarju għat-Tkabbir se naħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew biex naqsam il-valuri Ewropej mal-pajjiżi ġirien, filwaqt li nenfasizza l-importanza tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-inklużività u l-ugwaljanza. It-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u ż-żgħażaġ fil-ħajja soċjali u politika għandu jkun l-isforz kollettiv tagħna. Nixtieq ukoll inserraħ fuq l-għarfien espert tal-Membri tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-integrazzjoni reġjonali, ir-relazzjonijiet mal-ġirien u speċjalment dwar ir-rikonċiljazzjoni.

Nixtieq ninkludi lill-Membri tal-Parlament Ewropew b'mod attiv fil-kampanja ta' komunikazzjoni li se tiżgura li l-benefiċċji tat-tkabbir jiġu kkomunikati b'mod ċar liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati tal-UE u liċ-ċittadini tas-sħab tat-tkabbir; anke, billi jipparteċipaw b'mod konġunt f'avvenimenti u kampanji pubbliċi f'dan ir-rigward.

### Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

*3. Il-Linji Gwida Politiċi għall-Kommissjoni Ewropea li jmiss 2024–2029 jiddeskrivu t-tkabbir bħala "prijorità morali, politika u ġeostrateġika li nissuktaw inlestu l-Unjoni tagħna". Mingħajr preġudizzju għall-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kommissjoni, x'ikunu l-prijoritajiet u l-obiettivi/l-għanijiet konkreti tiegħek għall-portafoll tat-tkabbir fuq żmien qasir, medju u twil (għat-tul tal-mandat tiegħek), u kif tipprevedi d-diviżjoni tal-kompiti u l-komplementarjetà tar-rwoli mal-Viċi President/ir-Rappreżentant Għoli rigward il-politika tat-tkabbir u l-viċinat tal-Lvant? X'inhuma l-isfidi ewlenin (internazzjonali, reġjonali, bilaterali, istituzzjonali, eċċ.) li tara bħala xkiel biex jinkisbu dawk il-prijoritajiet u l-obiettivi, kif biħsiebek tegħlibhom u ssaħħaħ biżżejjed l-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-UE sabiex jiġu miġġielda n-narrattivi foloz u d-diżinformazzjoni, b'mod partikolari dwar l-UE?*

Il-kuntest ġeopolitiku attwali ġab it-tkabbir fuq quddiem nett tal-prijoritajiet politiċi tal-UE u kkonferma l-politika tat-tkabbir bħala mutur ewlieni għall-paċi, il-libertà u l-prosperità fil-kontinent tagħna. Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, l-objettiv primarju tiegħi se jkun li naħdem b'mod intensiv mas-sħab tat-tkabbir biex nġinhom javvanzaw fil-perkorsi rispettivi tagħhom tal-UE f'konformità mal-aspirazzjonijiet u l-impenn politiku tagħhom stess. B'dan il-mod, se nagħmel użu mill-għodod kollha għad-dispożizzjoni tiegħi u, peress li t-tkabbir huwa eżerċizzju sħiħ tal-Kummissjoni, se naħdem mill-qrib mal-pari tiegħi fil-Kulleġġ u b'mod partikolari mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President biex navvanza din il-ħidma. Ninsab ħerqana wkoll li nappoġġa l-proċess li jiżgura li l-UE tkun lesta li tilqa' membri ġodda, b'mod partikolari r-rieżamijiet tal-politika ta' qabel it-tkabbir.

Fil-ħames snin li ġejjin, jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju għat-Tkabbir, ninsab impenjata bis-sħiħ li ngħib kemm jista' jkun pajjiżi tat-tkabbir sal-punt li jkunu kompletament lesti li jassumu l-obbligi tas-sħubija fl-UE u jkunu kkonkludew in-negozjati tal-adeżjoni. Dan jibgħat sinjal qawwi tal-impenn tagħna għat-tkabbir u jassigura lis-sħab li l-Unjoni żżomm mal-wegħdiet tagħha. Fl-istess ħin, l-approċċ ibbażat fuq il-mertu jrid jibqa' l-prinċipju gwida. Dan huwa essenzjali għal proċess ta' tkabbir kredibbli u sostenibbli. Fi żmien qasir, se niffoka fuq li nmexxi 'l quddiem il-kandidati kollha fit-triq tal-adeżjoni tagħhom. B'mod konkret, dan jinkludi pereżempju l-ġheluq ta' kapitoli mal-Montenegro, il-ftuħ ta' ġabriet ta' kapitoli li fadal mal-Albanija, u l-ftuħ ta' ġabra ta' kapitoli tal-elementi fundamentali mal-Maċedonja ta' Fuq, l-Ukrajna u r-Repubblika tal-Moldova.

Minħabba r-rwol ċentrali tal-elementi fundamentali fid-determinazzjoni tal-pass tal-progress fin-negozjati, beħsiebni nagħti attenzjoni mill-qrib lill-progress f'dan il-qasam. Se nappoġġa lis-sħab tat-tkabbir biex jiżguraw li r-riformi meħtieġa mwettqa f'dan il-qasam jirriflettu impenn sostnut u irriversibbli għall-governanza demokratika u l-istat tad-dritt, inkluż il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.

Prijorità ewlenija oħra tal-mandat tiegħi se tkun li jiġi żgurat appoġġ kontinwu għall-Ukrajna fil-vjaġġ tagħha lejn is-sħubija fl-UE. Minkejja l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, l-Ukrajna wriet progress notevoli fir-riforma tal-istituzzjonijiet u l-qafas regolatorju tagħha. Se nagħmel użu sħiħ mill-Faċilità għall-Ukrajna biex nappoġġa l-irkupru ekonomiku tal-Ukrajna, l-investimenti pubbliċi u privati, u l-allinjament politiku mal-UE, b'parti kbira mill-finanzjament marbut mal-progress f'riformi ewlenin li huma kruċjali wkoll għat-tkabbir tal-ekonomija u biex nġinu fl-irkupru u r-rikostruzzjoni. Se naħdem mill-qrib mal-Ukrajna biex inżomm dawn ir-riformi fit-triq it-tajba, filwaqt li nagħti attenzjoni mill-qrib biex niżgura li l-interessi finanzjarji tal-UE jiġu protetti.

Se nmexxi 'l quddiem ukoll l-integrazzjoni gradwali tas-sħab tat-tkabbir f'setturi ewlenin tal-ekonomija tal-UE. Se nagħmel użu sħiħ minn għodod ġodda inklużi l-Faċilità għall-Ukrajna, il-Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent, il-Pjattaforma ta' Investiment tat-Turkija u, ladarba jiġu adottati mill-koleġiżlaturi, il-Faċilità futura għall-Moldova. Se jkun kruċjali wkoll li jiġu massimizzati l-opportunitajiet taħt iż-Żoni ta' Kummerċ Fieles Approfonditi u Komprensivi (DCFTA) mal-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia. Dan se jippermetti lis-sħab tat-tkabbir jaħsdu benefiċċji tanġibbli tas-sħubija fl-UE f'ċerti setturi fejn l-approssimazzjoni regolatorja diġà hija avvanzata biżżejjed qabel l-adeżjoni u tiffaċilita l-proċess ta' integrazzjoni.

Is-soluzzjoni tal-imblokki fil-proċess tat-tkabbir hija komputu ċentrali tal-mandat tiegħi. Kwistjonijiet bilaterali, kemm bejn il-pajjiżi kandidati nfushom kif ukoll mal-Istati Membri tal-UE, ikkawżaw dewmien sinifikanti fil-passat. Mingħajr ma tiġi miċħuda l-leġittimità tat-tħassib li jirfed dan it-tilwim, dawn iridu jiġu indirizzati malajr biex jiġi evitat li jiġi ostakolat il-progress tas-sħab tat-tkabbir u tiġi mminata l-kredibbiltà tal-proċess. Se nesplora toroq possibbli għal dak l-għan u naħdem mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President biex jinstabu soluzzjonijiet. Fil-Balkani tal-Punent, il-kooperazzjoni reġjonali hija element essenzjali tal-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u hija wkoll fil-qalba tal-Pjan ta' Tkabbir. Nemmen li fokus imġedded fuq il-perspettiva tal-UE tagħhom, l-integrazzjoni gradwali mal-UE permezz tal-Pjan ta' Tkabbir, u inizjattivi reġjonali bħas-Suq Reġjonali Komuni, jistgħu jaġixxu bħala inċentivi biex ilaqqgħu r-reġjun flimkien u jikkontribwixxu għar-rikonċiljazzjoni u biex jingħelbu kwistjonijiet ta' legat.

Meta jitqiesu l-iżviluppi reċenti u d-dinamika kumplessa fil-viċinat tal-Lvant tagħna, huwa kruċjali li s-sħubija tagħna mar-reġjun tkun adatta għall-iskop tagħha. Dan se jirrikjedi approċċ differenzjat li jirrifletti r-realtajiet li qed jevolvu. In-negozjati tal-adeżjoni mal-Ukrajna u l-Moldova jenħtieġ li jimxu 'l quddiem. Fil-Moldova, l-introduzzjoni b'suċċess tal-Pjan ta' Tkabbir — jekk il-koleġiżlaturi jadottaw il-Faċilità relatata — hija ta' importanza kbira biex tappoġġa lill-pajjiż, inkluża l-aġenda tal-adeżjoni Ewropea tagħha. Il-futur tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Georgia se jiddependi fuq l-azzjoni tal-awtoritajiet Georgjani. Ninsab lesta li nimpenna ruħi jekk u

meta l-awtoritajiet Georgjani jiddeċiedu li jirritornaw b'mod sod fit-triq lejn l-UE, inkun lesta wkoll li nappoġġa tranżizzjoni politika fil-Belarusja meta l-kundizzjonijiet jippermettu. Fl-istess ħin, se nkompli nħeġġeġ u nappoġġa lil dawk li jaspiraw għal futur ħieles u demokratiku għall-pajjiżi tagħhom.

Fir-rigward tal-Kawkasu tan-Nofsinhar, se nkompli nniedi l-Pjan ta' Reżiljenza u Tkabbir għall-Armenja biex nappoġġa s-sħubija l-ġdida stabbilita ma' Yerevan, fil-forma ta' għotja ta' assistenza u ingranaġġ tal-investimenti. Se naħdem mill-qrib mal-Istati Membri u l-Kummissarju futur għall-Affarijiet Interni u l-Migrazzjoni dwar id-djalogu mal-Armenja dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża. Mal-Ażerbajġan, nipproponi li niffoka fuq is-sigurtà tal-enerġija, il-konnettività, u l-iżvilupp ekonomiku, filwaqt li nkompli bl-isforzi biex navvanzaw l-aġenda dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, flimkien mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President. Se naħdem kemm mal-Armenja kif ukoll mal-Ażerbajġan biex nappoġġa l-proċess ta' paċi, biex nipromwovi l-istabbiltà u l-paċi fil-viceinat usa' u biex nisfrutta kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar il-konnettività reġjonali. Se naħdem ukoll mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President biex niżviluppa strateġija koerenti għall-Baħar l-Iswed li taħtha se mmexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni ta' proġetti infrastrutturali ewlenin biex jissaħħu s-sigurtà tal-enerġija u l-konnettività diġitali tar-reġjun. L-isfidi tas-sigurtà fir-reġjun, aggravati mill-attivitajiet militari Russi, iridu jiġu indirizzati wkoll. Fil-pajjiżi kollha tar-reġjun, se ninvesti fis-soċjetà ċivili u se nkompli wkoll nappoġġa s-soċjetà ċivili Russa, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-media indipendenti.

Flimkien mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President, se nkompli wkoll l-involvement mill-ġdid mat-Turkija, li hija pajjiż kandidat u sieħeb tal-UE. Għalkemm in-negozjati tal-adeżjoni ilhom wieqfa mill-2018, huwa ta' interess reċiproku li tittejjeb il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet politiċi, ekonomiċi u kummerċjali. Din il-kooperazzjoni trid tkun akkumpanjata minn sforzi kostruttivi min-naħa tat-Turkija biex tindirizza t-tħassib relatat mal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u biex taħdem biex tinstab soluzzjoni għall-problema ta' Ċipru, fil-qafas tan-NU, f'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-KSNU u f'konformità mal-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-Unjoni u l-acquis tagħha.

Komunikazzjoni effettiva kemm dwar il-benefiċċji kif ukoll dwar l-isfidi tat-tkabbir hija essenzjali biex jiġi sostnut l-appoġġ pubbliku. Bħala eks ġurnalista, nemmen bil-qawwa fis-setgħa ta' komunikazzjoni bħala għodda għal bidla pożittiva. Se nqatta' l-ewwel ġimgħat tal-mandat tiegħi nieħu kont tat-tħassib dwar it-tkabbir, li min-naħa tiegħu se jikkontribwixxi għall-istrateġija ta' komunikazzjoni dettaljata li se niżviluppa, filwaqt li niffoka kemm fuq is-sħab tat-tkabbir tagħna kif ukoll fuq l-Istati Membri tal-UE. Se nimpenja ruħi mill-qrib mal-Istati Membri biex nifhem it-tħassib speċifiku taċ-ċittadini tagħhom dwar it-tkabbir, u nittama li nserraħ fuq l-appoġġ tal-Parlament Ewropew biex l-ilħna taċ-ċittadini tal-UE jinstemgħu f'dan id-dibattitu.

Fl-istess ħin, jiena konxja sew tal-modi kif il-komunikazzjoni tintuża ħażin minn dawk li jixtiequ jimminaw l-UE u dak li tirrappreżenta, u kif il-politika tat-tkabbir hija mmirata f'dan id-kuntest. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna esponiet ukoll it-tħedd id serju għas-sigurtà u d-demokrazija tagħna. Jekk niġi konfermata, se nżid l-isforzi marbuta mat-Tarka tad-Demokrazija mħabbra mill-President von der Leyen, filwaqt li nappoġġa lis-sħab tagħna fil-bini tar-reżiljenza kontra d-diżinformazzjoni u fid-difiża tal-proċessi demokratiċi. Dan jinkludi l-kooperazzjoni istituzzjonali, kif ukoll l-appoġġ għas-soċjetà ċivili, il-protezzjoni tal-ġurnalisti, u d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem.

*4. Skont il-gwida ġenerali mill-President tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tar-relazzjoni tal-Kummissjoni mal-Parlament Ewropew, tista' jekk jogħġbok tagħti dettalji dwar kif biħsiebek:*

- *tinvolti b'mod proattiv u effettiv lill-Parlament (bħala attur integrali tat-“Tim Ewropa”) sa mill-aktar stadji bikrija fil-proċessi tal-elaborazzjoni u tal-iżvilupp tal-prioritajiet u l-oġettivi tiegħek;*
- *tagħmel skambji regolari ta' fehmiet fil-Plenarja u mal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin; tiżgura “djalogu strutturat” u l-preżenza ad hoc tiegħek fil-Kumitat fi żmien qasir f'każ ta' avvenimenti sinifikanti jew żviluppi kbar; tiżgura l-attenzenza tiegħek fil-Konferenzi Interparlamentari dwar il-PESK/PSDK meta tkun rilevanti;*
- *tiżgura li l-pożizzjonijiet tal-Parlament jitqiesu kif xieraq fil-proposti għal atti legali u komunikazzjonijiet u strateġiji ġodda jew aġġornati tal-UE, u tiżgura li l-Parlament, u b'mod partikolari l-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tiegħu, ikun infurmat u kkonsultat b'mod sistematiku u f'waqtu dwar tali proposti u dokumenti (inkluż il-pakkett tat-tkabbir) u tiżgura sinkronizzazzjoni aħjar tal-attivitajiet tal-Kummissjoni u tal-Parlament (pereżempju permezz tal-kondiviżjoni sistematika minn qabel tal-iskedi ta' żmien ipplanati għall-ħruġ ta' dokumenti strateġiċi uffiċjali, laqgħat ministerjali u summits, proposti biex jinfetħu jew jingħalqu kapitoli fin-negozjati ta' adeżjoni, proposti biex jinfetħu negozjati dwar ftehimiet internazzjonali, djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, eċċ.);*

- tiżgura li l-Parlament jirċievi l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti dwar il-politika tat-tkabbir, inklużi dawk kondiviżi mal-Kunsill, u li l-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jiġi infurmat immedjatament u bis-sħiħ, bil-miktub u bil-fomm, fl-istadji kollha tan-negozjati ta' adeżjoni u tan-negozjati tal-ftehimiet internazzjonali, u li l-fehmiet tal-Parlament jitqiesu kif xieraq qabel ma jibdedw in-negozjati u matul il-proċess kollu;
- tiżgura li informazzjoni pertinenti u rilevanti mhux pubblika tiġi pprovduta lill-Parlament matul il-laqgħat bil-magħluq;
- iżżomm u tiżgura aktar kooperazzjoni, koordinazzjoni u effiċjenza tal-attivitajiet ta' appoġġ għad-demokrazija bejn il-Kummissjoni u l-Parlament?

F'konformità mal-gwida mill-President tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tar-relazzjoni tal-Kummissjoni mal-Parlament Ewropew, jekk niġi kkonfermata, beħsiebni ninvolvi b'mod proattiv u effettiv lill-Parlament mill-aktar stadji bikrija tal-elaborazzjoni u l-iżvilupp tal-prijoritajiet u l-oġettivi tiegħi. Nistenna bil-ħerqa li niskambja fehmiet b'mod regolari mal-Parlament Ewropew dwar kwistjonijiet tal-portafoll tiegħi u se nqishom kif xieraq. Se niżgura wkoll informazzjoni f'waqtha, u skambju mal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u kumitati rilevanti oħra dwar strateġiji, rapporti annwali, u inizjattivi ppjanati jew li għaddejjin matul il-mandat tiegħi, b'kunsiderazzjoni xierqa għal-livell meħtieġ ta' kunfidenzjalità.

B'mod aktar speċifiku fir-rigward tat-tkabbir, se nipparteċipa fid-djalogi strutturati mal-Kumitat AFET u kwalunkwe skambju ta' fehmiet dwar il-Pakkett tat-Tkabbir mal-Kumitat direttament wara l-adozzjoni tiegħu mill-Kulleġġ. Se ninforma lill-Parlament Ewropew dwar iż-żjarat tiegħi fil-pajjiżi li jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħi u se ninvolvi ruħi u naqsam informazzjoni mal-Kumitat AFET u ma' kumitati rilevanti oħra. Djalogu regolari u trasparenti mal-Parlament Ewropew huwa kruċjali għall-appoġġ pubbliku għat-tkabbir fl-UE.

Se niżgura li bħala parti mid-djalogi regolari mal-Parlament dwar il-mezzi ta' finanzjament taħt ir-responsabbiltà tiegħi, il-Parlament jirċievi informazzjoni dettaljata biżżejjed dwar kif jintużaw il-fondi. Se nagħti valur lill-fehmiet tagħkom dwar kif l-istrumenti jistgħu jiġu implimentati aħjar. Se nżomm ukoll lill-MEPs infurmati kif xieraq dwar it-tipi ta' arranġamenti kollha ta' sħubija ma' pajjiżi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħi, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni interistituzzjonali tajba u ġusta u r-regoli eżistenti, biex jiġi żgurat ir-rispett tal-kapaċità ta' sorveljanza baġitarja tal-Parlament.

Se nipparteċipa fid-dibattiti plenarji tal-Parlament Ewropew, kif ukoll fil-laqgħat tal-kumitati u fin-negozjati interistituzzjonali (trilogu). Jien impenjata wkoll li naħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew u li nirrispondi b'mod xieraq u f'waqtu għall-kwistjonijiet imqajma fir-riżoluzzjonijiet tiegħu, filwaqt li nqis il-fehmiet espressi fihom fil-qafas tar-relazzjonijiet bilaterali jew multilaterali tagħna mas-sħab.

Se niżgura li l-Parlament ikun infurmat immedjatament u bis-sħiħ dwar il-proċess tat-tkabbir u n-negozjati tal-ftehimiet internazzjonali. Dan ikun jeħtieġ li jsiru l-arranġamenti meħtieġa biex jiġi żgurat trattament kunfidenzjali fejn meħtieġ.

Ninsab lesta nipparteċipa f'attivitajiet rilevanti mmexxija mill-Parlament, kif xieraq. Ninsab ħerqana wkoll li nesplora kif nistgħu nsaħħu s-sinerġiji fir-rigward tal-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità rispettivi tagħna bħad-Djalogi Jean Monnet organizzati mill-PE, żjarat ta' studju, fellowships jew konferenzi u seminars parlamentari bil-ħsieb li jiġu skambjati l-aħjar prattiki parlamentari, il-medjazzjoni u l-promozzjoni tad-djalogu f'sitwazzjonijiet diffiċli. Barra minn hekk, ninsab lesta li nesplora kif id-delegazzjonijiet interparlamentari bejn il-PE u s-sħab, b'mod partikolari l-pajjiżi tat-tkabbir, jistgħu jgħinu biex jinżamm il-momentum u jiffokaw fuq ir-riformi meħtieġa.

*5. Il-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024–2029 jenfasizzaw li “l-adeżjoni mal-UE dejjem se tkun proċess ibbażat fuq il-merti – u kull kandidat se jiġi vvalutat fuq il-progress li jagħmel biex jilħaq il-kriterji kollha”. Kif se tiżgura monitoraġġ robust u msaħħaħ tal-proċess tat-tkabbir ibbażat fuq ir-rappurtar u l-valutazzjoni tar-riformi u l-progress li sar mill-pajjiżi kandidati fil-kapitoli kollha tan-negozjati b'kundizzjonalità mmirata applikata b'mod strateġiku bbażata fuq parametri referenzjarji ċari tal-progress, is-sanzjonar tar-rigressjoni fuq il-prinċipji u l-valuri fundamentali jew l-istaġnar persistenti fir-riformi u l-ippremjar tar-riformi u t-twentig tal-parametri referenzjarji permezz ta' skedi ta' żmien ċari għan-negozjar? Peress li l-ittra ta' missjoni tiegħek tiddikjara li se taħdem fuq l-integrazzjoni gradwali tal-pajjiżi kandidati, liema oqsma ta' politika konkreti tidentifika li huma xierqa għal dan l-għan u x'inhuma fil-fehma tiegħek ir-riformi ewlenin interistituzzjonali u relatati mal-politika, li huma meħtieġa biex l-adeżjoni tal-pajjiżi tat-tkabbir tkun suċċess? Kif*

*qed tippjana li ssewwi l-kredibbiltà tal-proċess tat-tkabbir tal-UE, b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent, u x'miżuri speċifiċi se tiegħu biex tiżgura progress aktar mgħaġġel fir-riformi ewlenin li ilhom mistennija f'dan ir-reġjun?*

L-approċċ tiegħi għat-tkabbir se jkun iggwidat minn viżjoni ċara: it-tkabbir għandu jsaħħa kemm l-Unjoni kif ukoll il-membri futuri tagħha. Dan ifisser li l-membri futuri jridu jkunu ppreparati tajjeb u impenjati bis-sħiħ fit-triq tagħhom lejn l-UE, filwaqt li jirrispettaw l-integrità tal-valuri tagħna u l-kredibbiltà tal-proċessi tagħna. Jekk niġi kkonfermata, ninsab impenjata li naħdem bla heda mas-sħab tat-tkabbir tagħna, mal-Istati Membri tal-UE, mal-Parlament Ewropew, u mal-partijiet ikkonċernati kollha biex din il-viżjoni ssir realtà. Se nappoġġa bis-sħiħ l-approċċ ibbażat fuq il-mertu, filwaqt li niżgura li t-tkabbir jibqa' robust, kredibbli, u bbażat fuq progress ċar. Kull sieħeb tat-tkabbir se jkompli jiġi vvalutat individwalment, abbażi tal-kisbiet tiegħu fl-issodisfar tal-kriterji tal-UE. Dan se jiġi żgurat permezz tal-applikazzjoni tal-qafas komprensiv fis-seħħ, li jinkludi rappurtar trasparenti, kundizzjonalità strateġika, u punti ta' riferiment ċari tal-progress, skont il-metodoloġija riveduta tat-tkabbir.

Il-Pakkett tat-Tkabbir annwali se jibqa' l-għodda primarja għall-evalwazzjoni tar-riformi fil-prinċipji fundamentali kollha (inkluż l-istat tad-dritt) u l-kapitoli kollha tan-negozjati u biex isiru rakkomandazzjonijiet li magħhom jitkejjel aktar progress. Ir-rapporti huma essenzjali biex jipprovdur għarfien dettaljat u trasparenti dwar il-progress li kull pajjiż tat-tkabbir qed jagħmel.

Biex niggarantixxi li r-riformi adottati mill-pajjiżi tat-tkabbir jiġu implimentati bis-sħiħ, se nimmassimizza l-użu tal-mekkaniżmi rigorużi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għad-dispożizzjoni tagħna. Dawn il-mekkaniżmi jinkludu valutazzjonijiet regolari tal-allinjament ta' kull kandidat mal-acquis tal-UE u rapporti dettaljati dwar il-prestazzjoni tagħhom f'oqsma ewlenin. L-enfasi kritika mhux biss se tkun fuq l-adozzjoni tal-liġijiet, iżda fuq ir-riżultati murija ta' dawn ir-riformi. Għandna l-għodod kollha qabel l-adeżjoni biex niżguraw rekord xieraq dwar l-istat tad-dritt, inkluża l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità serja u organizzata, kif ukoll ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-prattika mhux biss fil-liġi, u se nkompli l-ħidma mal-kollegi tiegħi fil-Kulleġġ u mal-Kunsill u mal-Parlament Ewropew biex nistabbilixxi salvagwardji sabiex il-progress ma jitregġax lura wara l-adeżjoni. Kwalunkwe Trattat ta' Adeżjoni futur għandu jiġi abbozzat b'dan l-għan.

Barra minn hekk, irrid niżgura li r-riformi mwettqa mill-pajjiżi tat-tkabbir ikunu sostnuti u irriversibbli. Filwaqt li nibni fuq it-tagħlimiet meħuda minn tkabbiriet preċedenti, ninsab lesta li nirdoppja l-isforzi biex nappoġġa lis-sħab tat-tkabbir tagħna biex jagħmlu progress malajr kemm jista' jkun — u skont kemm jixtiequ javvanzaw malajr huma — fil-perkorsi rispettivi tagħhom tal-UE. Dan ifisser l-implimentazzjoni tal-prinċipju “aktar għal aktar”, fejn dawk li jwettqu r-riformi meħtieġa jistgħu jaħsdu l-benefiċċji tal-isforzi tagħhom. Il-Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent huwa eżempju ewlieni ta' kif nistgħu nġinu biex dan iseħħ. Il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir li takkumpanjah se tippermetti lis-sħab tagħna jirċievu appoġġ finanzjarju addizzjonali kundizzjonali għall-implimentazzjoni ta' riformi ewlenin fis-setturi fundamentali u soċjoekonomiċi. B'mod parallel, il-pajjiżi qed jaħsdu xi wħud mill-benefiċċji tal-integrazzjoni fis-Suq Uniku tal-UE qabel l-adeżjoni sħiħa mal-UE permezz tal-introduzzjoni tal-partijiet l-oħra tal-Pjan ta' Tkabbir. Se naħdem biex nimplimenta l-ewwel pilastru tal-Pjan ta' Tkabbir, filwaqt li nibni fuq il-ħidma sostanzjali li diġà nkisbet u nżid oqsma ġodda li fihom is-sħab jista' jkollhom aċċess għas-suq intern tagħna. Diġà jeżistu opportunitajiet simili fiż-Żoni ta' Kummerċ Hieje Approfonditi u Komprensivi (DCFTAs) mal-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia. Beħsiebni nuża bis-sħiħ il-potenzjal tal-istrumenti eżistenti kollha u nagħti prijorità lil dawk l-oqsma ta' integrazzjoni gradwali li jġibu benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini u n-negozji fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi tat-tkabbir. L-oqsma ta' prijorità immedjati huma t-tnaqqis tal-ispejjeż għar-roaming u għall-pagamenti u l-iffaċilitar tal-kummerċ tal-merkanzija. Matul il-mandat tiegħi, jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se nesplora aktar opportunitajiet ta' integrazzjoni gradwali għas-sħab tat-tkabbir tagħna.

Il-ħtieġa li jiġu żgurati s-sostenibbiltà u l-irriversibbiltà jew ir-riformi hija partikolarment kritika fl-oqsma tal-ġustizzja, b'mod partikolari fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, fejn ir-riformi jridu jiġu kkonsolidati u internalizzati biex jiġi żgurat impatt dejjiemi. Jien impenjata bis-sħiħ li nżomm il-prinċipji fundamentali fil-qalba ta' dan. Għan ewlieni tat-tkabbir tal-UE huwa li l-istat tad-dritt ikollu għerqu b'saħħithom fil-kontinent tagħna. L-inklużjoni, fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-Kummissjoni, tal-aktar pajjiżi tat-tkabbir li waslu fi stadju avanzat għandha l-għan li, minn kmieni, dawn jittieghdu fl-istess keffa mal-Istati Membri. Dan se jkun ta' appoġġ għall-isforzi ta' riforma ta' dawn il-pajjiżi biex jiksbu progress irriversibbli fir-rigward tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, qabel l-adeżjoni, u biex jiggarantixxu standards għoljin dejjiema wara l-adeżjoni. Dan l-approċċ jippermetti estensjoni għal pajjiżi oħra tat-tkabbir fil-futur, kif previst fil-linji gwida politiċi tal-President. Dan se jkompli jikkontribwixxi wkoll għall-proċess ta' adeżjoni, inklużi r-rapporti dwar it-tkabbir u l-istrumenti ta' finanzjament. Jekk niġi konfermata, mhux se noqgħod lura milli nipproponi lill-Istati Membri miżuri



korrettivi deċiżivi u proporzjonati għall-pajjiżi tat-tkabbir f'każijiet ta' kwalunkwe staġnar serju jew fit-tul jew rigress fl-implimentazzjoni tar-riformi u l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-proċess ta' adeżjoni.

Ambjent tal-media ħieles u pluralistiku, kif ukoll soċjetà ċivili vibranti u abilitata huma essenzjali għall-istat tad-dritt. Is-soċjetà ċivili u l-media indipendenti għandhom ukoll rwol kritiku fil-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni tar-riformi, kif ukoll l-istat tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, billi jżommu lill-gvernijiet responsabbli meta jonqsu milli jirrispettaw il-valuri tal-UE. Jekk niġi konfermata, se niżgura li l-appoġġ għall-bini tal-kapaċità jkompli jrawwem ambjent abilitanti u jappoġġa lil dawn l-atturi fit-twettiq tar-rwol demokratiku tagħhom, u se nkun soda biex niżgura tolleranza żero għall-forom kollha ta' vjolenza, intimidazzjoni jew fastidju ta' individwi, gruppi, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jew ġurnalisti.

Rigward ir-riformi ewlenin interistituzzjonali u relatati mal-politika, jekk jogħġbok irreferi għat-tweġibiet għall-mistoqsija Nru 9.

*6. Il-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024–2029 jenfasizzaw li “l-istat tad-dritt u l-valuri fundamentali se jibqgħu l-pedamenti tal-politika tat-tkabbir tal-UE”. Meta wieħed iqis li l-proċessi ta' adeżjoni jistgħu jseħħu b'mod riversibbli, u li l-approċċ ibbażat fuq il-mertu jista' jwassal ukoll għall-iffriżar tan-negozjati ta' adeżjoni, liema passi konkreti biħsiebek tiegħu f'każ ta' rigress fil-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, inkluża l-indipendenza tal-ġudikatura, il-pluraliżmu tal-media, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni?*

Il-valuri tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali huma l-pedamenti tal-politika tat-tkabbir tagħna. Jien impenjata li nħares dawn il-valuri u, jekk niġi konfermata bħala Kummissarju, se naħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex niżgura li jibqgħu jiffurmaw il-pedament tal-approċċ tagħna. L-elementi fundamentali — inkluż l-istat tad-dritt, ġudikatura li tiffunzjona tajjeb u indipendenti, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, id-drittijiet fundamentali, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u d-drittijiet tal-bniedem — huma s-sinjala tal-proċess tal-adeżjoni. L-hekk imsejja ġabra ta' kapitoli tal-elementi fundamentali tinkludi l-kapitolu 23 dwar il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u l-kapitolu 24 dwar il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, li huma l-ewwel li jinfetħu matul in-negozjati u l-aħħar li jingħalqu. Il-progress f'dawn l-oqsma jiddetermina l-pass ġenerali tan-negozjati, skont il-metodoloġija riveduta tat-tkabbir tal-2020.

Il-proċess ta' adeżjoni llum huwa aktar rigoruż u komprensiv minn qatt qabel. L-ankraġġ b'suċċess tal-istat tad-dritt u l-valuri demokratiċi fl-ambjent politiku u istituzzjonali, kif ukoll il-kultura soċjetali usa', jeħtieġu riformi istituzzjonali b'firxa wiesgħa iżda fl-aħħar mill-aħħar jiddependu fuq ir-rieda politika u l-kapaċità li tingħeleb ir-reżistenza istituzzjonali għal riformi bħal dawn fis-sħab tagħna tat-tkabbir. Għal dan l-għan, se niprijoritizza monitoraġġ rigoruż tal-konformità mal-istat tad-dritt u mal-istandards demokratiċi.

F'dan il-kuntest, il-Pakkett tat-Tkabbir annwali jservi bħala l-għodda vitali fil-valutazzjoni tal-progress ta' kull kandidat f'oqsma bħall-indipendenza ġudizzjarja, il-pluraliżmu tal-media, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità serja u organizzata u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Dan jippermettilna nindirizzaw kwalunkwe sinjal ta' rigressjoni kmieni u nindirizzawhom minnufih. Fl-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ksur tal-valuri ewlenin, il-Pakkett tat-Tkabbir jipprovdi valutazzjoni fattwali u ġusta tal-progress — jew in-nuqqas tiegħu — u joffri rakkomandazzjonijiet konkreti biex jiġu rimedjati n-nuqqasijiet.

Barra minn hekk, f'każ li pajjiż kandidat juri rigress fil-valuri fundamentali, l-Oqfsa ta' Negozjar jipprovdu mekkaniżmi għal miżuri korrettivi deċiżivi u proporzjonati. Mhux se noqgħod lura milli nistawwir jew nirakkomanda dawn il-miżuri jekk ikun meħtieġ u niddiskutihom magħkom. Dan jista' jinkludi l-iffriżar tan-negozjati dwar kapitoli speċifiċi, id-dewmien tal-ftuħ ta' kapitoli ġodda, jew, f'każijiet severi, is-sospensjoni tal-proċess kollu tan-negozjati. Iż-żamma tal-integrità tal-proċess tat-tkabbir hija kruċjali, filwaqt li jiġi żgurat li l-pajjiżi ma jkunux jistgħu sempliċement jiffirmaw liġijiet fuq il-karta filwaqt li jimminaw il-prinċipji demokratiċi fil-prattika. Fil-passat ittiegħdu passi konkreti għal dak l-għan, pereżempju fil-kuntest tan-negozjati tal-adeżjoni mat-Turkija, fejn in-negozjati tal-adeżjoni ilhom wieqfa mill-2018, jew mal-Georgia fejn [il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2024 iddikjara li] il-perkors attwali jipperikola t-triq tal-Georgia lejn l-UE, li *de facto* jwassal għal waqfien tal-proċess ta' adeżjoni. Dawn il-mekkaniżmi jissalvagwardjaw l-integrità tal-proċess ta' adeżjoni. Madankollu, dan ma jipprekludix li l-valuri u l-prinċipji tal-UE jiġu segwiti aktar mal-pajjiż kandidat permezz ta' toroq oħra fil-kuntest usa' tar-relazzjonijiet tal-UE kif deskritt fil-Konklużjonijiet rispettivi tal-Kunsill Ewropew. Dan huwa l-mod kif biħsiebni naħdem.

Fl-istess ħin, jeħtieġ li nipremjaw il-progress biex inżommu l-momentum tar-riforma. Is-sħab tat-tkabbir li jiksbu stadji importanti tanġibbli biex jilhq u l-punti ta' riferiment tagħhom għandhom javvanzaw fin-negozjati u se nappoġġa dan l-approċċ. Se tingħata wkoll assistenza finanzjarja u teknika biex jiġu appoġġati aktar l-isforzi tagħhom. Dan l-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni jippermetti lill-pajjiżi kandidati jibbenefikaw minn aktar appoġġ tal-UE u aktar opportunitajiet għal integrazzjoni gradwali hekk kif jallinjaw mal-istandards tal-UE.

Se nuża dawn l-inċentivi finanzjarji biex insaħħaħ il-konformità mal-istat tad-dritt. Illum, il-pagamenti minn strumenti bbażati fuq il-prestazzjoni bħall-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent, il-Faċilità għall-Ukrajna, u l-Faċilità proposta għat-Tkabbir għall-Moldova huma kontinġenti fuq l-implimentazzjoni b'suċċess tar-riformi maqbula li huma kritiċi għat-tiżiħ tal-governanza demokratika u tal-istat tad-dritt, u jinkludu l-prinċipju tan-nonriversibbiltà tar-riformi. Billi norbtu l-appoġġ finanzjarju ma' progress tanġibbli, nistgħu nhegħu lis-sħab tat-tkabbir biex jibqgħu impenjati għal dawn ir-riformi essenzjali.

*7. Fir-rigward tal-istrumenti ta' finanzjament estern, kif se ttejjeb il-konsistenza, l-effiċjenza u t-trasparenza tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni għall-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, billi tapplika kundizzjonalità stretta fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent, il-Faċilità għall-Ukrajna u strumenti simili oħra, u tiżgura rwol ġenwin tal-Parlament Ewropew fit-tmexxija strateġika tal-istrumenti ta' finanzjament estern, inkluż permezz tal-għoti f'waqtu ta' informazzjoni bil-miktub dwar l-implimentazzjoni tagħhom? Fir-rigward tal-proposti tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, x'inhil-pożizzjoni tiegħek dwar il-ħtieġa li jinżamm strument iddedikat għal qabel l-adeżjoni? Kif se tiżgura li dawn l-investimenti jsaħħu b'mod pożittiv il-preżenza u l-immagna tal-UE fil-pajjiżi benefiċjarji, u liema strateġiji speċifiċi se timplimenta biex ittejjeb il-viżibbiltà u l-impatt tal-UE permezz tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni?*

It-tkabbir ġie identifikat bħala prijorità tal-mandat li jmiss.

Nemmen li r-rabta bejn il-finanzjament u r-riformi mis-sħab tagħna bħal fil-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent, il-Faċilità proposta għall-Moldova, u l-Faċilità għall-Ukrajna, jenħtieġ li tiġi kkunsidrata għall-finanzjament futur ta' qabel l-adeżjoni u tal-viċinat tal-Lvant flimkien ma' modalitajiet oħra ta' finanzjament. L-appoġġ irid ikun skalabbli u flessibbli biżżejjed biex jipprovdli għal żviluppi mhux previsti, inkluża l-possibbiltà li l-fondi jinżammu jew jiġu orjentati mill-ġdid f'każ ta' rigress, jew jidiedu l-livelli ta' finanzjament għal dawk li jwettqu aktar riformi, jew riformi partikolarment diffiċli. Għall-Ukrajna, minħabba l-inċertezza kontinwa dwar id-durata u l-intensità tal-gwerra, dan irid jinkludi l-għoti ta' assistenza stabbli, prevedibbli u flessibbli b'mod sostenibbli, u l-kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet marbuta mal-irkupru u r-rikostruzzjoni.

Taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali, il-baġit tal-UE se jkompli jkollu rwol ewlieni f'dan il-proċess, u se nimmassimizzaw l-impatt tal-appoġġ tagħna għas-sħab tat-tkabbir permezz tal-Pjan ta' Tkabbir għall-Balkani tal-Punent, il-Pjan ta' Tkabbir għall-Moldova, il-Pjattaforma ta' Investiment tat-Turkija u l-Faċilità għall-Ukrajna biex naċċelleraw il-konverġenza ekonomika tas-sħab mal-UE u s-Suq Uniku tagħha, filwaqt li niżviluppaw l-istandards u l-proċessi t-tajba meħtieġa biex jiġu assorbiti l-fondi tal-UE u biex l-acquis tal-UE jitqiegħed fil-prattika. Jien impenjata li nsaħħaħ aktar dawn ir-rabtiet, inkluż it-tiżiħ tal-bini tal-kapaċità għall-amministrazzjonijiet nazzjonali biex jimmaniġġjaw b'mod effettiv u effiċjenti l-fondi tal-UE.

B'ħarsa 'l quddiem lejn il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, se nagħti prijorità lill-kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissarju għall-Baġit u mar-Rappreżentant Għoli/Viċi President biex inġedded b'mod komprensiv il-finanzjament tal-azzjoni esterna tagħna, filwaqt li nagħmlu jħalli aktar impatt, immirat u allinjat mal-interessi strateġiċi tal-UE. B'mod konkret, se naħdem mas-sħab tagħna biex inhejjihom għall-adeżjoni, filwaqt li ninċentivizza u nappoġġa r-riformi strutturali meħtieġa. Jekk niġi kkonfermata, se niżgura li l-prijoritajiet u l-karatteristiċi speċifiċi tal-finanzjament ta' qabel l-adeżjoni jiġu kkunsidrati kif xieraq.

L-impatt tat-tkabbir fuq il-baġit tal-UE huwa aspett kruċjali ieħor li għandu jiġi kkunsidrat. Dan se jkun kopert fir-rieżaminijiet li ġejjin tal-politika ta' qabel it-tkabbir, kif ukoll matul in-negozjati tal-adeżjoni. It-twessigħ tal-Unjoni tagħna se jimplifika l-ħtieġa għal baġit tal-UE modernizzat, aktar sempliċi u aktar flessibbli, li jkun kapaċi jadatta għall-ħtiġijiet diversi tal-membri attwali u ġodda tagħha. It-tkabbir huwa għalhekk raġuni addizzjonali — għalkemm mhux dik ewlenija — biex il-baġit tal-UE tagħna jiġi rieżaminat bir-reqqa, biex jiġi żgurat li dan jappoġġa l-oġettivi ta' politika attwali u futuri tagħna.

Il-Parlament Ewropew diġà għandu rwol kruċjali fis-sorveljanza strateġika tal-istrumenti ta' finanzjament estern tagħna, inkluż permezz ta' djalogi ddedikati dwar l-istrument għal qabel l-adeżjoni (IPA III), il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir tal-Balkani tal-Punent u l-Faċilità għall-Ukrajna.

Il-viżibbiltà hija kruċjali biex jiġi massimizzat l-impatt tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni tal-UE u biex tissaħħa l-immagħni tal-UE fil-pajjiżi benefiċjarji. L-attivitajiet u l-investimenti implimentati permezz tal-istrumenti ta' finanzjament tal-UE jridu jiġu mmarkati kif xieraq u kkomunikati kif xieraq bħala tali liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati, kemm permezz tal-awtoritajiet tal-pajjiżi benefiċjarji kif ukoll tal-UE sabiex tintlaħaq udjenza usa' fil-pajjiżi kandidati. Dan se jsir parti integrali mill-istrateġija ta' komunikazzjoni kif iddikjarat fl-ittra tal-Missjoni tiegħi. Barra minn hekk, huwa importanti li jinżamm djalogu regolari mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjoni magħhom dwar il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet kif ġara fit-tnejn tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent, kif ukoll il-Faċilità għall-Ukrajna u l-Pjan ta' Tkabbir għall-Moldova.

### Mistoqsija mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

*8. L-istqarrija tal-missjoni tiegħek tippredvi li se ssir enfasi speċjali fuq l-istat tad-dritt u l-valuri fundamentali fl-azzjoni tiegħek u li inti se tikkontribwixxi għar-rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt għall-pajjiżi fil-proċess ta' adeżjoni. Kif qed tippjana li tiżgura li l-pajjiżi fil-proċess ta' adeżjoni jieħdu azzjoni fir-rigward tal-kwistjonijiet identifikati fir-rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt? Tippredvi l-inklużjoni ta' punti ta' riferiment speċifiċi fil-kapitoli tan-negozjati rilevanti? Kif qed tippjana li tinvolvi ruħek mal-Parlament f'dan il-proċess u kif se tikkoopera mal-Kummissarji l-oħra b'kompetenzi f'dan il-qasam?*

Nemmen bis-sħiħ li t-tisħiħ tal-istat tad-dritt u l-protezzjoni tal-valuri fundamentali huma fil-qalba tal-proċess ta' adeżjoni. Jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, se nuża l-istrumenti kollha disponibbli biex niżgura li dan il-prinċipju ta' gwida jiġi rispettatt. Dan jinkludi l-użu sħiħ tal-kundizzjonalitajiet u l-inċentivi taħt in-negozjati tal-adeżjoni, l-istrumenti ta' finanzjament bħall-Faċilitajiet għall-Ukrajna, il-Balkani tal-Punent u, dment li l-koleġiżlaturi jappoġġaw l-adozzjoni tal-Faċilità proposta, għall-Moldova.

L-inklużjoni tas-Serbja, il-Montenegro, l-Albanija u l-Maċedonja ta' Fuq fir-rapporti tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt għandha l-għan li żżid l-involviment tal-pajjiżi kandidati fil-proċessi eżistenti tal-UE, filwaqt li tpoġġihom fuq l-istess livell mal-Istati Membri minn kmieni. Il-Kapitoli tal-pajjiżi jipprovdu ħarsa ġenerali komprensiva lejn il-progress u l-isfidi ta' kull pajjiż, bl-istess mod bħall-Istati Membri tal-UE.

L-inklużjoni ta' pajjiżi kandidati fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt tkompli tappoġġa l-isforzi ta' riforma rispettivi tagħhom biex jissodisfaw ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Pakkett tat-Tkabbir u jgħinuhom jiksbu progress sostenibbli u irriversibbli dwar id-demokrazija u l-istat tad-dritt qabel l-adeżjoni, u biex jiggarantixxu li standards għoljin dejjiema jkunu jistgħu jinżammu wkoll wara l-adeżjoni. F'konformità mal-linji gwida politiċi tal-President, se naħdem mal-Kummissarju għad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u l-Ġustizzja biex ninkludi sħab oħra tat-tkabbir fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt kif u meta jkunu lesti.

Madankollu, il-Pakkett tat-Tkabbir annwali huwa l-istrument ewlieni tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni attwali u l-progress tar-riformi fil-prinċipji fundamentali tal-proċess tat-tkabbir, inkluż l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. Dan huwa wkoll fejn ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni huma stabbiliti għall-oqsma kollha. Il-proċess tat-tkabbir jeħtieġ li jkun iggwidat minn sett uniku u konsistenti ta' rakkomandazzjonijiet. Għal din ir-raġuni, ir-rapport dwar l-Istat tad-Dritt ma fihx rakkomandazzjonijiet għall-pajjiżi tat-tkabbir.

Beħsiebni niprijoritizza l-progress fir-rispett tal-istat tad-dritt fl-involviment tiegħi mal-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali. F'konformità mal-metodoloġija tal-adeżjoni, l-Oqfsa ta' Negozjar jipprevedu li n-negozjati dwar il-ġabra ta' kapitoli tal-elementi fundamentali jinfetħu l-ewwel u jingħalqu l-aħħar, b'punti ta' riferiment speċifiċi tal-ftuħ u interim għall-kapitoli dwar l-istat tad-dritt. Se naħdem biex niżgura li jiġu stabbiliti parametri referenzjarji robusti u ġusti fil-proċess, biex nappoġġa lill-pajjiżi li qed jinnegozjaw fl-indirizzar ta' dawn il-parametri referenzjarji u biex niżgura li l-Kummissjoni tippredvi valutazzjonijiet fil-pront ladarba jkun inkiseb il-progress meħtieġ. Se nirrakkomanda biss li nimxu 'l quddiem fin-negozjati ma' kull pajjiż abbażi ta' progress tanġibbli u kontinwu dwar l-istat tad-dritt.

Se nikkollabora mill-qrib mal-Kummissarji l-oħra b'kompetenzi f'dan il-qasam, b'mod partikolari l-Kummissarju għad-Demokrazija, il-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt, biex niżgura li l-politika tat-tkabbir tal-UE tkun konsistenti u

effettiva fil-promozzjoni tal-istat tad-dritt u l-valuri fundamentali. Kif intqal qabel, se nimpnija ruħi mill-qrib mal-Parlament Ewropew dwar il-Pakkett tat-Tkabbir annwali u ninsab lesta li nagħmel skambji mal-Membri tal-PE.

### Mistoqsija mill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

*9. Filwaqt li tibni fuq ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Frar 2024 dwar l-approfondiment tal-integrazzjoni tal-UE fid-dawl ta' tkabbir futur, taqbel li hija meħtieġa riforma interistituzzjonali sinifikanti tal-UE fid-dawl ta' din l-isfida? Liema miżuri konkreti biħsiebek tipproponi sabiex twettaq ir-riformi istituzzjonali meħtieġa biex tiżgura li Unjoni mkabbra tkun kapaċi tiffunzjona b'mod effiċjenti u jkollha l-kapaċità adegwata li tassorbi membri ġodda u tippromwovi integrazzjoni tagħhom li tirnexxi? Kif biħsiebek tikkoordina mal-bqija tal-Kummissarji u l-President tal-Kummissjoni biex tiżgura li r-reviżjoni u l-emendar tat-Trattati jiżguraw proċess ta' tkabbir bla xkiel?*

*Liema riformi fl-opinjoni tiegħek jistgħu jsiru mingħajr tibdil fit-Trattat fil-ħames snin li ġejjin?*

*Taqbel li titbiegħed mill-unanimità sabiex ikun hemm proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet aktar effettivi, u li l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għandha tiġi implimentata f'oqsma bħall-passi intermedji fil-proċess tat-tkabbir, il-protezzjoni tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, il-QFP, is-sanzjonijiet u deċiżjonijiet rilevanti oħra dwar il-politika barranija?*

*Biħsiebek tappoġġja teħid ta' deċiżjonijiet aktar b'saħħtu u aktar effettiv tal-politika tat-tkabbir tal-UE, inkluża s-sorveljanza mill-PE, sabiex jiżdiedu l-leġittimità demokratika u r-responsabbiltà?*

Tkabbir suċċessiv saħħaħ l-UE u ġab benefiċċji sinifikanti kemm għall-Istati Membri l-qodma kif ukoll għal dawk ġodda. Se niżgura li jaderixxu biss il-kandidati li huma verament lesti u impenjati mingħajr kundizzjonijiet biex jirrispettaw il-valuri li fuqhom hija mibnija l-UE.

Neħtieġu wkoll aġenda ambizzjuża ta' riforma interna biex niżguraw il-funzjonament xieraq ta' Unjoni akbar. Kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri futuri għandhom ikunu lesti fiż-żmien tal-adeżjoni tal-membri l-ġodda. L-UE trid tapprofondixxi ruħha waqt li tikber. Għandna naħdmu fuq iż-żewġ binarji b'mod parallel. Diġà jeżistu mistoqsijiet dwar il-kapaċità tal-UE li taġixxi f'Unjoni ta' 27 Stat Membru u mhumiex relatati biss ma' tkabbir futur.

It-tkabbir għandu fil-fatt jitqies bħala katalist għall-progress f'termini tal-kapaċità tagħna li naġixxu, il-politiki tagħna u l-programmi ta' nfiq tagħna. Il-kwistjoni ta' liema riformi huma meħtieġa, u f'liema mument, se jkollha tiġi kkunsidrata b'kont meħud ta' dan il-kuntest usa', lil hinn mill-ambitu tal-portafoll tat-Tkabbir waħdu.

Ir-rieżamijiet tal-politika ta' qabel it-tkabbir li l-Kummissjoni se twettaq se jgħinu biex jiġu identifikati l-lakuni u l-ħtiġijiet, jiġifieri fejn huma meħtieġa bidliet, biex jiġi żgurat li l-politiki tagħna jkunu jistgħu jkomplu jrendu b'mod effettiv f'Unjoni akbar.

Kif iddikjarat fil-linji gwida politiċi, neħtieġu bidla fit-Trattat fejn tista' tittejjeb l-Unjoni tagħna. Iżda għandna niffukaw ukoll fuq dak li diġà jista' jsir issa u fuq dawk l-oqsma fejn qed jitfaċċa kunsens wiesa'. Pereżempju, it-Trattati diġà jipprevedu "klawżoli passerelle" li jippermettu bidla minn unanimità għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill f'oqsma ta' politika ewlenin. Il-Kummissjoni għadha promotur qawwi għall-attivazzjoni ta' dawn il-klawżoli.

Fir-rigward tal-proċess ta' tkabbir innifsu, il-ħtieġa għall-unanimità għall-ammissjoni ta' Stat Membru ġdid hija mifhuma sew u ġustifikata bis-sħiħ. Madankollu, irridu nirrikonoxxu li r-rekwiżit tal-unanimità għal kull pass fil-proċess jista' jnaqqas ir-ritmu tal-affarijiet jekk anke Stat Membru wieħed biss joġġezzjona. Ninsab lesta li nikkontribwixxi għar-riflessjoni dwar kif il-proċeduri u l-proċessi jistgħu possibbilment jiġu aġġustati u mħaffa għal xi wħud mill-passi intermedji fil-proċess tat-tkabbir, filwaqt li nirrispetta l-prerogattivi tal-Istati Membri.

Se nikkollabora mill-qrib mal-President u l-Kummissarji sħabi biex niżgura li r-riformi istituzzjonali meħtieġa għat-tkabbir jallinjaw mal-prijoritajiet usa' tal-UE. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni interistituzzjonali — speċjalment bejn il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, u l-Kunsill — se jkun essenzjali, u ninsab impenjata li nagħmel progress f'dawn l-isforzi.

Fl-aħħar nett, kif diġà ġie spjegat hawn fuq, nara rwol importanti għall-pubbliku u għas-soċjetà ċivili biex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun ippreparata għat-tkabbir. Hawnhekk beħsiebni npoġġi enfasi qawwija fuq il-

komunikazzjoni b'mod ċar u trasparenti dwar l-iżviluppi relatati mat-tkabbir u s-smiġh tal-ilħna tan-nies madwar l-UE u s-sħab tat-tkabbir infushom.

#### Mistoqsija mis-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem

*10. Biħsiebek iżżid l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-atturi tas-soċjetà ċivili u l-forzi demokratiċi li jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-valuri fundamentali fil-pajjiżi tat-tkabbir u f'pajjiżi oħra li jaqgħu taħt il-portafoll tiegħek? Liema miżuri konkreti tippromponi li jiġu stabbiliti f'dan ir-rigward?*

Kif muri mill-istorja personali tiegħi, li tinkludi l-attiviżmu ċiviku, din il-kwistjoni hija partikolarment għal qalbi. Is-soċjetà ċivili hija fil-qalba ta' kull demokrazija b'saħħitha, u jien personalment iddedikata biex nagħmel dak li nista', jekk niġi kkonfermata bħala Kummissarju, biex nagħti s-setgħa lil dawn l-atturi essenzjali f'kull livell. Illum, il-Kummissjoni diġà tiffaċilita b'mod attiv inizzjattivi ta' bini tal-kapaċità u tippovdi appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, filwaqt li ssaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jippromwovu riformi legali, jinvolvu ruħhom fit-tfassil tal-politika, u jżommu lill-awtoritajiet responsabbli. Pereżempju, nixtieq nagħmel enfasi fuq il-Pilastru III tal-Faċilità għall-Ukrajna, li permezz tiegħu l-Kummissjoni se tiżgura appoġġ kontinwu għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġellieda kontra l-korruzzjoni u inizzjattivi oħra minn isfel għal fuq mis-soċjetà ċivili vibranti u attiva tal-pajjiż, issa wkoll b'enfasi addizzjonali fuq il-proċess ta' adeżjoni tal-Ukrajna mal-UE.

Jekk niġi kkonfermata, beħsiebni nintensifika dan l-involviment mas-soċjetà ċivili biex niżgura ambjent sikur u abilitanti fejn dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu joperaw mingħajr restrizzjonijiet bla bżonn. Fejn ma jistgħux, l-UE għad trid issib modi kif tappoġġjahom b'mod li ma jipperikolax ħajjithom jew l-għajxien tagħhom. Dan huwa dovut għal dawk li b'kuraġġ jiddefendu l-bandiera tal-UE, anke b'riskju personali kbir. Bħala tali, l-involviment kontinwu mas-soċjetà ċivili, il-media indipendenti, u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem se jkun l-enfasi tiegħi biex niżgura li leħinhom jinstituta, u t-tfassil tagħhom jiġi indirizzat. L-appoġġ tekniku u għall-bini tal-kapaċità taħt l-istrumenti ta' finanzjament tagħna għandu jkun ta' benefiċċju wkoll għas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi kollha tat-tkabbir u tal-viċinat tal-Lvant.

Il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-midja huma parti mill-pedamenti essenzjali ta' soċjetà demokratika u bħala tali, wieħed mill-valuri fundamentali tal-UE. Għalhekk huma element kruċjali tal-proċess ta' adeżjoni mal-UE u punt ta' riferiment interim importanti li għandu jiġi ssodisfat skont il-kapitoli dwar l-istat tad-dritt tan-negozjati tal-adeżjoni. Matul iż-żjarat tiegħi fil-pajjiżi tat-tkabbir u tas-Sħubija tal-Lvant, jien impenjata li niltaqa' ma' rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet mhux governattivi f'diversi oqsma, inklużi organizzazzjonijiet li jkopru d-drittijiet tan-nisa, u dawk li jirrappreżentaw gruppi emarġinati, inklużi persuni b'diżabilità, minoranzi u persuni LGBTIQ.

Se nkompli nimpenna ruħi wkoll mal-gvernijiet sħab permezz ta' dialogu politiku, inkluż dwar id-drittijiet tal-bniedem, anke f'ambjenti politiċi diffiċli. F'pajjiżi fejn l-isparju għas-soċjetà ċivili qed jiċkien, id-Delegazzjonijiet tal-UE fuq il-post ikomplu jimmonitorjaw is-sitwazzjoni u jistgħu jiddistingwu bejn is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tal-media indipendenti u dawk ikkontrollati mill-istat. Se nuża wkoll il-ħidma li saret minn organizzazzjonijiet u sħab ta' reputazzjoni tajba bħall-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) u l-Uffiċċju tagħha għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) fil-promozzjoni tal-attiviżmu ċiviku u l-involviment demokratiku f'ambjenti kumplessi.

Se niżgura li l-assistenza finanzjarja tagħna tikkonforma mal-valuri tal-UE, inkluż il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-valuri fundamentali. Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara" se jkomplu jiggwidaw l-interventi tagħna. Dan jippermetti lill-Kummissjoni tibni interventi tal-UE f'konformità mal-valuri fundamentali, u tindirizza ksur potenzjali tad-drittijiet tal-bniedem.